MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 219/2009

**Lombard Bank Malta p.l.c.**
**Vs**
**Zamm Ltd (numru ta kumpanija C8098) bhala debitur principali u John u Marisa konjugi Zammit karti ta l-identita numri rispettivament 441951 (M) u 179353 (M) bhala garanti solidali**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-bank attur fl-4 ta' Marzu, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-Bank rikorrenti ikkonceda lis-socjeta intimata Zamm Ltd facilita ta "overdraft" u in forza ta' din il-facilita l-imsemmija socjeta intimata ssellfet flus minghand il-Bank rikorrenti u ghandha debitu bilancjali favur l-istess Bank rikorrenti ta' tmienja u sebghin elf erba' mija sitta u sittin punt sebgha sitta Ewro (€78,466.76) skond "statement" hawn anness u mmarkat Dok "A" bl-interessi kkalkolati sat-tlieta u ghoxrin (23) ta Frar tas-sena elfejn u disgha

(2009), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) sad-data tal-pagament effettiv;

IIli permezz ta' skrittura privata ta' garanzija li ggib id-data tal-ewwel (1) ta Awissu elf disa mija sebgha u disghin (1997) li kopja awtentikata taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok "B" il-konvenuti John u Marisa konjugi Zammit iggarantixxew solidalment mas-socjeta intimata l-hlas lura ta' dan id-debitu sa l-ammont ta' disghin elf tmien mija hamsa u erbghin punt hamsa sitta Ewro (€90,845.56) (gia disgha u tletin elf liri Maltin (LM39,000) skond kif hemm ahjar deskritt;

Illi l-intimati naqsu milli jaghmlu il-pagamenti akkont skond kif pattwit;

IIli ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, l-intimati baqaw inadempjenti;

Talab lill-intimati jghidu ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1) tikkundanna lill-intimati in solidum ihallsu lii Bank rikorrenti s-somma ta' tmienja u sebghin elf erba' mija sitta u sittin punt sebgha sitta Ewro (€78,466.76) skond "statement" hawn anness u mmarkat Dok "A" bl-interessi kkalkolati sat-tlieta u ghoxrin (23) ta Frar tas-sena elfejn u disgha (2009), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-26 ta Jannar 2009 u bl-imghaxijiet legali mil-24 ta Frar 2009 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata, li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom, u kontra l-intimati l-ohra kollha li huma ilkoll minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-Bank attur;

Rat in-nota tal-konvenutiipprezentata waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju, 2009 li biha ammettew it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ippruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lil Bank attur s-somma ta' tmienja u sebghin elf erba' mija sitta u sittin punt sebgha sitta Ewro (€78,466.76) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------